

Brussell, 12 ta' Settembru 2022
(OR. en)

11948/22

CSDP/PSDC 518
CFSP/PESC 1092
BIH 11
PSC DEC 34
COWEB 79
EUMC 271

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1010 (BiH/33/2022)

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ
(PESK) 2022/...**

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1010
(BiH/33/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (il-"Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE").
- (2) Fit-8 ta' Ottubru 2018, il-KPS iddeċieda fil-prinċipju li l-Viċi Kap Kmandant fil-Kwartieri Ġenerali Supremi tal-Potenzi Alleati fl-Ewropa (SHAPE) jenħtiegħ li jinħatar bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mid-29 ta' Marzu 2019, dment li n-NATO tikkonferma d-disponibbiltà tiegħu.
- (3) Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana kkonferma d-disponibbiltà tal-Viċi Kap Kmandant ta' SHAPE biex jassumi r-rwol tiegħu ta' Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE taħt l-Arranġamenti "Berlin plus", mid-29 ta' Marzu 2019.
- (4) Fit-2 ta' Lulju 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1010¹ li taħtarlill-Maġġur General Brice HOUDET, Viċi Kap Kmandant ta' SHAPE, bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mit-18 ta' Lulju 2020.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1010 tat-2 ta' Lulju 2020 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/264 (BiH/29/2020) (ĠU L 224, 13.7.2020, p. 7).

- (5) Fl-1 ta' Settembru 2022, in-NATO ddeċidiet li taħtar lil-Logutenent Ġeneral Hubert COTTEREAU bħala Viċi Kap Kmandant ta' SHAPE, biex jieħu post il-Logutenent Ġeneral Brice HOUDET minn dik id-data. Jenħtieġ ukoll li minn dik id-data, il-Logutenent Ġeneral Hubert COTTEREAU jieħu post il-Logutenent Ġeneral Brice HOUDET fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.
- (6) Fis-7 ta' Settembru 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda n-nomina tal-Logutenent Ġeneral Hubert COTTEREAU bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mill-1 ta' Settembru 2022.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1010 titħassar.
- (8) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li tgħid li l-Arranġamenti "Berlin plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll jew membri tan-NATO jew inkella partijiet fis-"Sħubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Logutenent Ġeneral Hubert COTTEREAU, Viċi Kap Kmandant tal-Kwartieri Ġenerali Supremi tal-Potenzi Alleati fl-Ewropa (SHAPE), huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina mill-1 ta' Settembru 2022.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1010 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2022.

Magħmul fi...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President*